

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-30 ta' Ġunju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tallinna Halduskohus – l-Estonja) – Aktsiaselts M.V.WOOL vs Pöllumajandus- ja Toiduamet

(Kawża C-51/21) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Leġislazzjoni dwar l-ikel – Regolament (KE) Nru 2073/2005 – Kriterji mikrobijoloġiċi applikabbli għall-prodotti tal-ikel – Artikolu 3(1) – Obbligi tal-operaturi tas-settur tal-ikel – Anness I – Kapitolu 1, punt 1.2 – Valuri limitu tal-preżenza ta' Listeria monocytogenes fil-prodotti tal-ħut qabel u wara t-tqegħid fis-suq – Regolament (KE) Nru 178/2002 – Artikolu 14(8) – Kontroll uffiċjali tal-prodott waqt it-tqegħid fis-suq – Portata)

(2022/C 318/09)

Lingwa tal-kawża: l-Estonjan

Qorti tar-rinviju

Tallinna Halduskohus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Aktsiaselts M.V.WOOL

Konvenut: Pöllumajandus- ja Toiduamet

Dispożittiv

Id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 3(1) u tal-punt 1.2 tal-Kapitolu 1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-prodotti tal-ikel (ĠU 2005, L 338, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/229 tas-7 ta' Frar 2019, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta l-produttur ma jkunx f'pożizzjoni li juri, għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, li, matul il-perijodu kollu ta' konservazzjoni tagħhom, il-prodotti tal-ikel ser josservaw il-limitu ta' 100 unitajiet li jiffurmaw kolonja (cfu)/gramma (g) fir-rigward tal-preżenza ta' Listeria monocytogenes, il-limitu impost fl-assenza ta' detenzjoni ta' Listeria monocytogenes f'25 g tal-prodott tal-ikel ikkonċernat, previst f'dan il-punt 1.2 tal-imsemmi Anness I, ma japplikax għall-prodotti tal-ikel li tqiegħdu fis-suq matul il-perijodu ta' konservazzjoni tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 128, 12.04.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-30 ta' Ġunju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Mokestinių ginčų komisija prie Lietuvos Respublikos vyriausybės – il-Litwanja) – UAB “ARVI” ir ko vs Valstybinė mokesčių inspekcija prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos

(Kawża C-56/21) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 137 – Sistema li tista' tintgħażel ta' ssuġġettar għat-taxxa – Kundizzjonijiet – Leġislazzjoni nazzjonali li tissuġġetta d-dritt ta' persuna taxxabli li tagħżel li l-bejgħ ta' proprjetà immobbli jkun suġġett għall-VAT għall-kundizzjoni li din il-proprjetà tiġi ttrasferita lil persuna taxxabli diġà rreġistrata għall-finijiet tal-VAT – Obbligu li jiġu aġġustat it-tnaqqis ta' VAT fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' din il-kundizzjoni – Prinċipji ta' newtralità fiskali, ta' effettività u ta' proporzjonalità)

(2022/C 318/10)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Mokestinių ginčų komisija prie Lietuvos Respublikos vyriausybės

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: UAB "ARVI" ir ko

Konvenut: Valstybinė mokesčių inspekcija prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos

Dispożittiv

- 1) L-Artikoli 135 u 137 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta d-dritt ta' persuna taxxabbli li tagħżel li l-bejgħ ta' proprjetà immobbli ikun suġġett għat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għall-kundizzjoni li din il-proprjetà tiġi ttrasferita lil persuna taxxabbli li, fil-mument tal-konklużjoni tat-tranżazzjoni, tkun diġà rreġistrata għall-finijiet tal-VAT.
- 2) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112 kif ukoll il-prinċipji ta' newtralità fiskali, ta' effettività u ta' proporzjonalità għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni u prassi nazzjonali li skont dawn il-bejgiegħ ta' proprjetà immobbli huwa obligat li jaġġusta t-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tal-input imħallsa fuq din il-proprjetà wara r-rifjut li jiġi rrikonoxxut lilu d-dritt ta' għażla għat-tassazzjoni ta' dan il-bejgħ minħabba li, fid-data ta' dan il-bejgħ, ix-xerrej ma ssodisfax il-kundizzjonijiet previsti għall-eżerċizzju, mill-bejgiegħ, ta' dan id-dritt. Għalkemm l-użu effettiv tal-proprjetà immobbli inkwistjoni mix-xerrej fil-kuntest ta' attivitajiet suġġetti għall-VAT huwa irrilevanti f'dan ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti madankollu huma obligati jivverifikaw l-eżistenza eventwali ta' frodi jew ta' abbuż fir-rigward tal-persuna taxxabbli li kellha l-intenzjoni li teżerċita d-dritt tagħha ta' għażla għat-tassazzjoni tat-tranżazzjoni inkwistjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 128, 12.4.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-30 ta' Ġunju 2022 – Laure Camerin vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-63/21 P) ⁽¹⁾

(Appell – Servizz pubbliku – Ex uffiċjal – Żamma ta' ammonti mill-pensjoni ta' anzjanità – Implimentazzjoni ta' deċiżjoni ta' qorti nazzjonali – Rikors għal annullament u għad-danni)

(2022/C 318/11)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Laure Camerin (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukata)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. S. Bohr u D. Milanowska, aġenti)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Laure Camerin hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 228, 14.6.2021.